MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 909/2001/1

**Ezy Fit Limited**

**vs**

**David Paris**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn disa' mija u sbatax-il lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm2917.34c) VAT inkluza dovuta kwantu ghall-ammont ta' elfejn hames mija hamsa u hamsin lira Maltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm2,555.41c) rapprezentanti l-prezz ta' diversi oggetti "Do it yourself" lill-konvenut mibjugha u konsenjati (Dok A, Dok B, Dok C, Dok D, Dok E, Dok F, Dok G, Dok H u Dok I) u kwantu ghall-ammont ta' tlett mija wiehed u sittin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm361.93c) rapprezentanti l-prezz ta' oggetti ohrajn mibjughin u kkonsenjati lill-konvenut, li taghhom il-konvenut vversa pagament b'cekk indirizzat

lid-direttur tal-kumpanija attrici, liema cekk ma giex onorat mill-Bank minhabba nuqqas ta’ fondi (Dok J).

Bl-ispejjez gudizzjarji komprizi dawk tal-protest ufficjali datat 3 ta’ April 2001 u bl-interessi legali mid-data tan-notifika sal-hlas effettiv. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 10.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-11 ta’ Novembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2917.34,0 bl-imghax legali mit-3 ta’ April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-protest ufficjali tat-3 ta’ April 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur